**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 16 ta` Lulju 2019**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Main Gate Company Limited (C-15432) li beda b`effett ta` provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fil-5 ta` Mejju 2000**

**Il-Qorti :**

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat ukoll l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija xjolta huma stralcjati ghal kollox.

Billi kienu mharsa l-htigijiet kollha tal-ligi.

Qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Main Gate Company Limited (C-15432) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien sebat ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Main Gate Company Limited (C-15432).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**